# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 224 :: JANNAR, 2015



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **30 ta' Jannar 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqα naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## BDEJNA S-SENA B'ŻEWĠ AĦBARIJIET KOROĦ . . .

Fil-bidu tas-sena l-ġdida, irċevejna l-aħbar tal-mewt ta' Helen Pulo, li tiġi omm Vince Pulo, magħruf sew fil-Komunita` Maltija. Aħbar oħra ta' mewt li rċevejna fl-isess żmien kienet ta' Helen Cachia, li tiġi oħt il-membru tagħna, Fredu Cachia. Din ġrat f'Malta. Jien ningħaqad mall-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija biex noffru l-kondoljanzi tagħna lill-familji tagħhom. Mulej, agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.

## FL-ISTESS ĦIN BDEJNA S-SENA B'AĦBAR SABIEĦA . . .
### IL-MEMBRU TAGĦNA, MANWEL CASSAR, JIĠI L-EWWEL
### KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 'MONS. AMANTE BUONTEMPO' 2014



Nhar l-4 ta' Diċembru 2014, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet is-Serata ta' Premjazzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Mons. Amante Buontempo'. Fid-diskors tal-ftuħ tas-Serata l-President tal-Għaqda Poeti Maltin qal li kulħadd jidħol għall-konkorsi biex jirbaħ. Iżda f'ebda konkors ma jista' jirbaħ kulħadd. Fil-proċess tal-għażla l-Għaqda Poeti Maltin tagħmel minn kollox biex tkun trasparenti kemm jista' jkun. Il-Ġurija kienet komposta mill-Kav. Carmel Bianchi, u mis-Sinjuri Marlene Saliba u Josef Borg. Is-sottomissjonijiet għall-Konkors kienu tajbin ħafna, b'uħud minnhom jilħqu wkoll livell għoli. Il-poeżiji rebbieħa huma: Sezzjoni tal-Malti - L-Ewwel (Rebbieħa assoluta tal-Konkors): **ADAGIO ta' Manwel Cassar**; It-Tieni: JIEN HU L-BEDWIN ta' Raymond Grech; It-Tielet: BINTI TAR-RAMEL ta' Jonathan Balzan; Sezzjoni tat-Taljan - L-Ewwel: ZACHOR ta' Mario Attard; It-Tieni: TRISTEZZA D'ANIMA ta' Dr Michelle Muscat; Sezzjoni tal-Ingliż - L-Ewwel: MOTHER TREE ta' Therese Pace; It-Tieni: MY SILENT CRY ta' Josianne X. Azzopardi. Il-Poeżiji Msemmijin b'Ġieħ huma: JIS-SOKTA ta' Mary Anne Camenzuli; IN-NISĠA BEJN SĦABA U JIEN ta' Guido Lanfranco; KELLIMNI ĦA TGĦIDLI X'QED JGĦIDU ta' Dr Alfred Grech; MATUTIN ta' Stefano Farrugia; MA TAFX ta' Mary Anne Camenzuli; THE GRIM REALITY ta' Dr Joe Zammit Tabona; RICORDI DI AUSCWITCH ta' Alfred Palma.

Il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija jifirħu lill-membru tagħna Manwel Cassar.

***(meħud minn IL-PONT ta' Patrick Sammut)***

## DONAZZJONI TA' MATERJAL BIOGRAFIKU LIL-LIBRERIJA TAL-UNIVERSITA` TA' MALTA



L-awtur Charles Casha dan l-aħħar għadda xi materjal awtobijografiku lil-Librerija tal-Università ta' Malta biex jitqiegħed fis-sezzjoni magħrufa bħala Special Collection.

Waqt li f'Ottubru li għadda kien mistieden biex ikellem lil xi studenti ta' skola Sekondarja li żaru l-Università waqt l-*Open Week*, huwa tkellem ma' waħda mill-organizzaturi u wera x-xewqa tiegħu li jagħmel din l-għotja bil-ħsieb li din tkun ta' għajnuna għal xi studenti li jkunu jridu jagħmlu xi *assignments* dwar kittieba Maltin. L-amministrazzjoni tal-Librerija laqgħat it-talba tiegħu bi pjaċir kbir.

F'din l-għotja hemm siltiet minn gazzetti, manuskritti, ittri u tagħrif ieħor dwar il-karriera letterarja ta' Charles Casha. L-awtur jappella 'l awturi oħra biex jgħaddu xi materjal lil-Librerija tal-Università biex din tistagħna fil-kollezzjoni tagħha dwar kittieba Maltin.

# TMUT MARY ROSE BONELLO "IN-NANNA KATRIN"



Mary Rose Bonello, magħrufa bħala n-Nanna Katrin, ħalliet din id-dinja fit-3 ta' Diċembru... u ħalliet ħafna memorji sbieħ... Mary Rose bdiet tirreċta fl-1952 fi dramm ma' Ġużeppina Attard Montalto fl-Empire Stadium il-Gzira. Wara ħadmet f'għadd ta' produzzjonijiet kemm fuq il-palk kif ukoll fuq ir-Rediffusion, l-uniku mezz tar-radju dak iż-żmien f'Malta. Fl-1960, Mary Rose waqfet għal 15-il sena mill-karriera ta' attriċi biex tiddedika l-ħin għat-trobbija ta' uliedha. Fis-snin sebgħin, Mary Rose reġgħet lura għar-reċtar permezz tal-parti ta' Rożi fis-serje komiku Wenzu u Rożi fuq TVM. Minbarra fuq it-televiżjoni u l-palk, Mary Rose ħadet sehem ukoll f'films internazzjonali bħal *Clash of the Titans, Agora* u *Sinbad*.

Għal Mary Rose, ir-reċtar kien biss passatemp. Hija aktar tqis lilha nnifisha bħala mara tad-dar, omm u nanna.

Ftit jafu li minbarra li tirreċta Mary Rose kienet tkanta wkoll. Kantat f'korijiet bħall-MCI. Darba kantat fi kwartett ma' Antoinette Miggiani, Turu Galea u Jack Aloisio. Kienu ħadu sehem f'kompetizzjoni fuq it-televiżjoni u rebħu b'*The Hunting Song*.

Iżda l-aktar li kienet magħrufa Mary Rose hi għall-parti tagħha f'*Simpatiċi* bħala n-Nanna Katrin...

***Grazzi Mario Micallef u Joe Julian Farrugia għal dan it-tagħrif***

# SEJĦA GĦAL "TAĦŻIŻ3"

Is-sejħa għal *TAĦŻIŻ3* hija mifuħa sas-16 ta' Jannar għal żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena. L-applikazzjonijiet ikunu aċċettati sa nofsinhar.

Il-format tal-programm se jinbidel xi ftit sabiex ikun iktar iffukat u addattat għall-esiġenzi tal-kittieba iżda l-qofol tiegħu se jibqgħu t-tliet seminars residenzjali, b'pubblikazzjoni u ċertifikat li jingħataw lejn nofs is-sena d-dieħla.

Għalkemm il-parteċipazzjoni hi b'xejn, dawk magħżula huma mitluba jiddepożitaw €50 li jingħataw lura ġaladarba l-programm ikun komplut b'suċċess.

Id-dati tentattivi għal *TAĦŻIŻ3* huma dawn: 6-8 ta' Marzu; 1-3 ta' Mejju; 3-5 ta' Lulju.

Kull min hu interessat, għandu jibgħat lil info.youthmalta@gov.mt jew lil ghaqdatalmalti@gmail.com.

Fl-applikazzjoni tiegħu wieħed għandu jdaħħal id-dettalji personali (isem u kunjom, data tat-twelid, indirizz postali u elettroniku, in-nru tat-telephone jew tal-mobile), kif ukoll dawn li ġejjin:

- interessi oħra minbarra l-kitba;
- ittra ta' introduzzjoni u motivazzjoni;
- CV f'forma ta' storja qasira ta' 150 kelma;
- fotokopja tal-karta tal-ID (quddiem u wara); u
- poeżija jew storja qasira miktuba riċentament.

L-għażla finali tal-parteċipanti se tkun fid-diskrezzjoni tal-bord li jevalwa l-applikazzjonijiet. Ikun hemm laqgħa introduttorja li titħabbar aktar tard. Dan il-programm huwa miftuħ ukoll għal min diġà attenda dan is-seminar darba.

*Taħżiż* hu proġett ta' kitba kreattiva tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università u l-Fondazzjoni AWL.


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# MINN FOMM IL-KITTIEB Vol 1 – Patrick Sammut




Għadu kemm ħareġ ktieb ġdid ta' Patrick Sammut, MINN FOMM IL-KITTIEB – L-EWWEL VOLUM – INTERVISTI MA' GĦADD TA' KITTIEBA U POETI MIX-XENA LOKALI, Pubblikazzjoni Horizons, 2014. F'dan l-ewwel volum il-qarrej jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' 52 kittieb u poeta Malti, parti kbira minnhom għadhom jiktbu fil-preżent. Kif bdew jiktbu? Fejn għexu fl-imgħoddi, x'jiftakru minn dan, x'ħalla l-ikbar marka fuqhom, u fejn jgħixu llum? Min huma dawk il-kittieba li qed jiktbu lil hinn minn xtutna? Liema huma l-ħwejjeġ li jispirawhom biex jiktbu? X'jagħmlu bħala xogħol u kif jgħaddu l-ħin ħieles tagħhom? X'jaħsbu dwar kwistjonijiet kontemporanji partikolari? L-intervistatur fi djalogu informali mal-intervistat jikxef dan kollu. L-intervistatur wiċċ imb wiċċ ma' kittieba stabbiliti u oħrajn inqas magħrufin, kittieba żgħażagħ, oħrajn li m'għadhomx magħna.

Il-kittieba u poeti intervistati f'dan l-ewwel volum huma: Pawlu Aquilina, Anton F. Attard, Joe M. Attard, Mario Attard, Emmanuel Attard Cassar, Joe Axiaq, Carmel Azzopardi, Mario Azzopardi, Jonathan Balzan, Rena Balzan, Joe Bartolo, Charles Bezzina, Ġorġ Borg, Paul P. Borg, Roderick Bovingdon, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Rev. Mons. Amante Buontempo, Amanda Busuttil, Stephen Cachia, Joe Camilleri, Peter A. Caruana, Charles Casha, Manuel Casha, Manwel Cassar, Carmel G. Cauchi, Ġużè Chetcuti, Fr Paul Chetcuti S.J., Fr Anthony Chircop O.F.M., Ġanninu Cremona, Ileana Curmi dwar missierha Giovanni Curmi, Tony C. Cutajar, Charles Dalli, Lou Drofenik, Godwin Ellul, Leanne Ellul, Noel Fabri, Anthony Farrugia, Stefano Farrugia, Victor Fenech, Charles Flores, Joe Friggieri, Oliver Friggieri, Francis Galea, Anton Grasso, Alfred Grech, Lino Grech, Raymond Grech, Sergio Grech, Maria Grech Ganado, Adrian Grima u Mario Griscti.

MINN FOMM IL-KITTIEB – L-EWWEL VOLUM – INTERVISTI MA' GĦADD TA' KITTIEBA U POETI MIX-XENA LOKALI, jinbiegħ għall-prezz ta' 13-il ewro mill-ħwienet tal-kotba.

## IL-QABDA

Martu w ibnu sabuh mixħut minn tulu
Fuq il-marbat fil-port, ftit nies madwaru
Iħarsu ħiemda miblugħin. Sirena
tal-ambulanza ddoqq bil-ħatfa....ġejja
Seħħilhom wiċċha 'l fuq jaqilbu d-dgħajsa,
Iġibuha w jorbtuha. Tiegħla w nieżla
b'ċafċif maqtugħ, id-dgħajsa nstemgħet tolfoq.
It-tifel żgħir mar ġebbed lill-missieru.
'Pa, qum minn hemm, tħallix lill-mama` tibki
Għall-ħut, uriha pa xi qbadt! U refgħu
Il-katavru w għabbewh ġol-ambulanza.

***poeżija oriġinali miktuba minn MANWEL CASSAR,***

## SĦAB

Fuq il-liżar tas-sema
Pellikola
Tipproġetta s-sħab
Irjus ta' nies,
Annimali,
Ħut, għasafar...
Kolaġ
Bit-tqassis
ta' xbihat
Jinkwadra
L-armonija...
Ġugarelli rotob
Tal-feltru
tat-tfulija
Mitluqa hemm.
Nammira
Il-film sielem,
il-kwadru
pjaċevoli
Tal-paċi,
Il-qiegħa
li taf il-logħob tat-tfal.

Ħelu
ippopolat
is-sema bis-sħab
Hemm tinsab razza
Bla self u sikkaturi
bla dejn u deni,
Tgawdi
Is-silenzju u s-sliem
Is-sliem u s-silenzju.
Qed jinkiser is-skiet
qed jinsaq il-waqfien
fis-sliem,
Qed iqum ir-riħ
madwari,
Jogħla sas-sema.

***MANWEL CASSAR, 28/05/09***

## *Ittri li nirċievu...*

Għażiż ħabibi Paul, Nirringrazzjak qatigħ li erġajt ħsibt fina l-Maltin u bgħattilna folju ieħor miżgħud b'festa ta' pubblikazzjonijiet li ħarġu, li tassew jagħtu ġieh lil-lingwa għażiża tagħna. Nieħu din l-opportunità sabiex nixtieq lilek u lill-kumitat il-Milied it-Tajjeb u nirringrazzjakom li ġeddidtu ħidmietkom f'dan is-servizz nobbli li qed tagħtu b'risq il-lingwa Maltija.
Tislijiet, ***Amanda***

Għażiż Paul,
Wasalli il-Folju ta' aħbarijiet numru 223, li jien naqra mill-ewwel kif nirċevieh għax tant insibu nteressanti meta niftakar li Maltin bħali, li tant jinsabu 'l bogħod għadhom xorta jinteressaw ruħhom fl-ilsien Malti. Nawgura minn qalbi lill-membri kollha li reġgħu bil-kuraġġ telgħu fil-kumitat biex ikomplu jaħdmu b'risq il-Malti u l-Maltin. Tislijiet
***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul,
Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija ta' l-Awstralja. Dejjem imħejji birrappurtaġġ ta' l-iktar avvenimenti riċenti interessanti. Nixtieq lilek Paul, u lill-familja kollha tiegħek Milied Hieni u Sena Ġdida 2015, mimlija Saħħa, Sliem u Ġid.
B'imħabba
***Mario Griscti***

Grazzi Paul, Ħadt pjaċir naqra din il-ħarġa bħas-soltu. Nixtieq lilek u 'l-membri kollha il-Milied u ls-Sena t-Tajba.
***Manuel Casha***

Għażiż Paul,
Prosit, grazzi u awguri. Tislima speċjali lil Ray Anastasi li kien fil-klassi tiegħi l-Liċeo, u prosit mill-qalb lil Manwel Cassar, suġġett interessantissmu. Meta kien hawn dan l-aħħar Rigu Bovington xandar riċensjoni f'*The Malta Independent on Sunday* dwar il-ktieb l-iktar riċenti tiegħi *Dimech's Lost Prison Poems: Preamble to a Life of Militancy* (Midsea, 2014). Oħrajn dehru f' Il-Mument minn Mario Azzopardi, u fis-STOM minn Charles Xuereb. Bħalissa hawn Edwina Mallia bi grupp studenti Awstraljani ggwidati minn marti Margaret. Illum, il-Kunċizzjoni, qegħdin fit-tlett ibliet.
Tislijiet,
Prof. Henry J. Frendo

Għażiż Paul,
Nixtieq nirringazzjak tal-Folju GLM Diċembru 2014 li bħas-soltu kien mimli daqs bajda b'informazzjoni u tagħrif letterarju interessanti.
Nirringrazzjak ukoll tax-xewqat sbieħ tagħkom. Nifraħ lilek, lil Salvina u lill-membri l-oħra kollha tal-kumitat li erġajtu offrejtu s-servizzi u l-ħin tagħkom għall-ħidma u t-tkattir tal-GLM u erġajtu ġejtu eletti fil-kumitat.
Nieħu din l-opportunita` biex minn qiegħ qalbi nixtieq kemm lilek, kif ukoll lill-President u 'l-membri l-oħra kollha tal-Kumitat, u anke lill-membri l-oħra kollha tal-Grupp Letteratura Maltija , Milied hieni u qaddis u Sena Ġdida mimlija b'kull saħħa, ġid, paċi, risq u barka, u b'dak kollu li tixtieq qalbkom.
Tislijiet sinċiera u mill-qalb,
Nazzarene Zerafa

Paul, Niżżik ħajr tal-kartolina li bgħattli. Filwaqt li nrodd ukoll dawk ix-xewqat lilek, lill-kunsill, u lill-familjari tagħkom inħares 'il quddiem għal dak it-tagħrif li tibagħtuli kull tant żmien. Ikun dejjem ta' interess għalija li nkun naf kif ħutna msefrin jinsabu u kif juru l-apprezzament tagħhom għal wirt missirijiethom.
Dejjem tagħkom
Salvu Seisun

# L-AVVENTURI TA' STILTON GĦAT-TFAL




## *(tradotti għall-Malti minn Charles Briffa)*

L-istejjer meraviljużi ta' Geronimo Stilton huma kollha kotba tat-tfal *best-sellers* fid-dinja kollha: sensiela ta' avventuri ta' dan il-karattru grazzjuż ippubblikati minn *Edizioni Piemme* ta' Milan. L-idea oriġinali ta' dawn l-avventuri kienet ta' Elisabetta Dami, imma s-sensiela tikkreditа lill-karattru ewlieni bħala l-awtur tagħha.

Min hu Geronimo Stilton?

Ġurdien! Imexxi gazzetta, imma l-vera passjoni tiegħu hija l-kitba ta' stejjer tal-avventura. Joqgħod fil-Belt ta' New Mouse, il-kapitali ta' Gżiret il-Ġrieden, u l-kotba tiegħu huma kollha best-sellers! L-istejjer tiegħu huma tad-daħk, tad-daħk b'mod famaws. Huma ħrejjef tajbin li jġagħluk tilgħaq il-mustaċċi, żgur!

Sitta minn dawn il-kotba issa nqalbu għall-Malti minn Charles Briffa u ġew ippubblikati minn Miller Distributors Ltd f'Diċembru 2014. Il-kotba huma maħsubin għall-qarrejja ż-żgħar ta' bejn is-6 snin u t-12-il sena, u t-traduttur ipprova kemm seta' jżomm il-Malti għal-livell ta' din il-brekit ta' etajiet. Is-sitt kotba bil-Malti huma dawn:

**Is-Saħta tal-Piramida tal-Ġobon —** Kienet ħolma li ġiet vera – Geronimo mar l-Eġittu biex jintervisa lil wieħed arkeoloġist famaws! Tela' fuq ġemel antipatiku xiħ li bih kellu jaqsam id-deżert għall-Piramida tal-Ġobon. Hemmhekk, qalb il-mummji u l-ħjeroglifiċi, kellu jitgħallem is-sigriet tas-Seba' Għeġubijiet tad-Dinja l-Qadima tal-Ġrieden...

**Qattus u Ġurdien mal-Ħares Flimkien —** Geronimo kien mitluf ġo foresta mudlama tal-biża'! Kienet tassew esperjenza tkexkixlek il-pil għal ġurdien li jitwerwer mix-xejn bħalma kien Geronimo. Għalhekk sab kenn f'dar kbira qadima se taqa' biċċiet. Il-post kien vojt għalkollox... almenu hekk ħaseb. Imma malajr skopra li kellu l-ħares – iħirsa ta' qtates! Dan kien każ meta l-kurżità għelbet lill-ġurdien...

**Il-Pil Tiegħi Nħobbu Wisq! —** Meta l-ħabib antik ta' Geronimo, il-Professur von Volt, ċempillu u talbu l-għajnuna, mal-ewwel aċċetta – avolja kienet tfisser li kellu jmur vjaġġ twil iebes mad-dinja sa Mouse Everest! Il-vjaġġ kien twil u perikoluż. Denbu kważi inġazzalu mat-triq. Imbagħad kien ikkidnappjat minn jeti! Iva, kienet tassew avventura straordinarja...

**Erbat Iġrieden fil-Qalba tal-Ġungla —** Geronimo qatt ma kien ġurdien kuraġġuż... imma dan l-aħħar, il-beżgħat tiegħu kienu qed jirkbuh! Allura oħtu u kuġinuh iddeċidew li jfejquh minnhom. Karkruh fuq ajruplan (avolja kien jibża' jtir) għal ġol-ġungla. Hemmhekk kien imġiegħel jiekol soppa tal-baqq, jitla' fuq siġar kbar daqs skyscrapers, jgħum fil-kurrent qawwi tax-xmajjar, u anki jissara mas-sriep! Kif jista' jkun li ġurdien jibża' minn dellu bħalu jibqa' ħaj?

**Aħrab 'l Hemm, Ja Wiċċ ta' Ċedar Mgħaffeġ —** F'ġieħ il-ġobon, kienet ħaġa stramba! Xi gerriema bdew jgħidulu lil Geronimo li kien għamel affarijiet li qatt ma jiftakar li għamel. Kien qed jitlef? Tgħid il-ġobon kien qed iħawdu? Le, malajr skopra l-verità: kien hemm Geronimo ieħor jixbhu, jagħmilha taparsi tiegħu! Agħar minn hekk, kien qed jipprova jieħu t-tmexxija ta' Il-Gazzetta tal-Gerriem! Geronimo ried iwarrab lil dak l-impustur żaqqieq mill-gazzetta tiegħu – imma kif?

**It-Tempju tar-Rubin tan-Nar —** F'ġieħ il-ġobon, kienet eċitanti! Geronimo u l-familja tiegħu marru jfittxu r-Rubin tan-Nar, ħaġra leġġendarja moħbija fil-qalba tal-ġungla tal-Amażon. Imma t-tfittxija tagħhom malajr saret tellieqa kontra l-ħin. Xi gerriema kattivi ħafna kienu jriduh huma r-rubin! Setgħu l-familja ta' Stilton iżommu l-ħaġra imprezzabbli milli taqa' f'idejn ħżiena?

# "IT-TAĦBIL IL-MOĦĦ" *Ktieb tal-mibki u qatt minsi Albert Howard Madiona*



Ftit ilu irċevejt email minghand Anna Maria Madiona li kitbitli fuq ktieb li missierha, illum m'għadux magħna, kiteb ftit qabel miet fl-eta`87 sena, f'Ottubru, 2013. "It-Taħbil il-Moħħ" hu ktieb li fih żewġ taqsimiet li huma:

Anagrammi. L-anagramma hi kelma li bl-istess ittri tagħha tissawar kelma jew aktar minn kelma oħra li jfissru mod ieħor, bħal sagru - sargu. Min ifittex isib jew juża u jħaddem ftit moħħu jiskanta b'dak li jkun sab.




Kelmiet miktuba l-istess, iżda għandhom aktar minn tifsira waħda. Fit-tieni taqsima dejjem f'numru limitat, wieħed isib xi kliem li għalkemm miktubin eżattament bħal l-ewwel kelma, iżda t-tifsira tagħhom tkun differenti minn ta' l-ewwel. F' dan il-ktieb jidher ċar li missier Anna Maria kien iħobbu ħafna l-Malti.

Hija kitbet: *"Fil-fehma tagħna huwa interessanti, għax bil-Malti ma jidhirlnix li hawn ġabriet ta' anagrammi. Barra minn hekk fih ħafna kliem Malti li mhuwiex komuni u għalhekk min qed ifittex jista' jitgħallem kliem li ma jkunx jaf qabel. Ftit kopji ta' dan il-ktieb ġew ippubblikati xi ftit xhur ilu bħala memorja għall-ewwel anniversarju mill-mewt tal-papa`. Bħalissa għandi kuntatt mall-publikaturi, Miranda Publishers u għalkemm stennejna li l-ktieb jigi ppubblikat għal Diċembru, inqalghu xi problemi u issa kien mistenni li jkun ippubblikat dan ix-xahar. Il-ktieb ikun f'Agenda Bookshops u xi ħwienet tal-kotba oħra. Il-prezz hu mistenni li jkun madwar 6 euro".*

**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg u Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**